QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T' APRIL 2002

Avviz Nru 132/02DM

BPC International Limited

Vs

Promessa Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tas-socjeta konvenuta ghal hlas tas-somma Lm2133.57 rapprezentanti l-prezz ta' diversi servizzi ta' reklamar debitament rezi lilhom mis-socjeta attrici fuq ordni u inkarigu specifiku taghhom, liema prezz baqgha ma thallasx, bl-imghax mid-data ta' kull fattura mibghuta mis-socjeta attrici sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha, inkluzi tal-mandat kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma l-avviz, kollox kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma derux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deher rapprezentant taghhom biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ;

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm2133.57 ( elfejn mija u tlieta u tletin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu ) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' Frar 2002; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ38